MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2013

Numru 628/2009

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

vs

Justin Cassar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 447784M, akkuzat illi:
(1) fil-15 ta' Gunju 2009 ghal habta ta' 17.30hrs gewwa Triq Santa Marija, Zabbar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara f'vettura bin-numru TBF-643 ta' ghamla Suzuki Swift, liema hsarat huma iktar minn €116.47 u anqas minn €1164.69 ghad-dannu ta' Lawrence Muscat;

(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Lawrence Muscat li huwa persuna li jbati minn marda tal-gisem jew tal-mohh fi grad li minhabba fiha ma jkunx jista’ jiddefendi ruhu sewwa kif iccertifika Dr Caruana mic-Centru tas-Sahha Rahal Gdid u dan ai termini ta’ l-Artikolu 221(1) u 222A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali li talab li l-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet jittrattaw il-hsara volontarja, l-ikkagunar ta’ griehi ta’ natura hafifa aggravat u l-ksur tal-bon ordni. Mill-provi jirrizulta li l-origini tal-imputazzjonijiet kien battibekk li nqala bejn l-imputat u Lawrence Muscat, il-parti leza, fuq haga li kienet trivjali izda li ddigenerat tali li z-zewg protagonisti sofrew feriti ta’ natura hafifa bil-parti leza ssofri wkoll hsara fil-vettura tieghu. Kwantu ghall-hsara xehed rappresentant tal-Industrial Motors Limited li stqarr li din kienet tirrigwardja l-hgiega ta’ quddiem tal-lemin li sfat miksura, rikjedenti €220 biex tissewwa. In kwantu ghall-griehi sofferti mill-parti leza dawn huma ccertifikati bhala hfief. Jirrizulta pero’, mhux kontestat, li l-parti leza ghandha nuqqas ta’ smiegh serju, dan kif jirrizulta mix-xhieda ta’ ommu u mill-fatt li kien assistit minn interpretu meta xehed quddiem il-Qorti.

Trattat l-ewwel akkuza, ossija dik tal-hsara, il-Qorti tistqarr li mix-xhieda mhu xejn car minn ghandu jerfa r-responsabbilita’ ghaliha. Omm il-parti leza tghid illi l-imputat kien ta’ s-salt, fis-sens li gera fid-direzzjoni tal-vettura, ratu jghati bil-ponn fuq il-‘windscreen’ b’idejh it-

tnejn, resaq fuq in-naha tas-sewwieq fejn ta daqqa ta' ponn fuq il-hgiega tal-bieba u kissirha. L-gharusa tal-imputat minn naha taghha tghid , fir-rigward, li hi u omm il-parti leza, zammew il-bieba tal-vettura biex il-parti leza ma tohrogtx minnha u filwaqt li l-parti leza bdiet tghati mal-hgiega din infaqghet ghal barra. Cahdet li f'dak il-hin l-gharus taghha, ossija l-imputat, kien qed izzomm il-bieba u zdiedet li la hi u lanqas l-gharus taghha kellhom xi oggett f'idejhom. Fir-rigward il-hsara xehedu wkoll l-parti leza u l-imputat. Ta' l-ewwel jghid li hu dahal fil-vettura jistenna lill-ommu meta f'daqqa u l-hin mar l-imputat u beda jhabbat mal-hgiega u l-'bonnet' b'idejh, ponn maghluq. Minhabba f'hekk il-hgiega nkissret. Da parti tieghu l-imputat stqarr li hu kien dahal gewwa u rega' hareg flimkien mal-gharusa meta sema xi storbju. Jghid li qabel itawwal mill-purtelli u kif hareg barra l-parti leza hebb ghalih. Meta hareg l-imsemmi Lawrence (il-parti leza) kien gia' dahal fil-karozza. Ommu u l-gharusa hemmhekk zammewlu l-bieba biex ma johrogx u hu (l-imputat) beda jirrimarkalu li ilu mqabbad mieghu. Kompla hekk: "...f'daqqa wahda qala xi haga minn gewwa id-'dashboard'...u l-hgiega infaqet". Fuq daqshekk din il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza ma gietx pruvata sodisfacjentement u cioe' lil hin minn kull dubbju ragjonevoli.

Dwar it-tieni akkuza, dik tal-ferita hafifa, din tirrizulta kontra l-imputat indipendentement jekk hu sofriex wkoll feriti. Li ma jreggix hu l-aggravju li minkejja nuqqas ta' udit serju tal-parti leza ma kienx ta' ostakolu li huwa 'ma kienx jista' jiddefendi ruhhu sew'.

Fil-konfront tat-tielet, li hija offiza kontravenzjonali, dina wkoll tirrizulta pruvata stante li mill-provi ghandu jirrizulta li giet ikkrejata apprensjoni fil-parti leza certament minhabba fl-inkolumita' tieghu u ta' ommu.

Issib ghalhekk l-imputat hati tat-tieni u t-tielet akkuza. Rat l-Artikolu 221(1), 338(dd) u 17(d). Tikkundannah multa u ammenda komplessiva ta' mitejn ewro.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------